MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1304/2002/1

**Bonavia Stores Limited**
**vs**
**H.P. Cole Limited**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Mejju, 2002, fejn intalab l-ammont ta' seba' mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin (LM724.00) rapprezentanti l-prezz ta' kirja ta'** ***stacker*** **bejn Novembru, 2001 u l-15 ta' Marzu, 2002, ipprovduta lilkom mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta stess.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-20 ta' Marzu, 2002, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' konvenuta fl-24 ta' Gunju, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:-**

**1. Is-socjeta' konvenuta m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.**

**2. Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta ma uriet l-ebda stacker bejn Novembru, 2001 u l-15 ta' Marzu, 2002.**

**Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li giet ngunta ghas-subizzjoni.**

**Sema' x-xhieda, u ezamina d-dokumenti.**

**Ikkunsidra:**

**Illi din il-vertenza tikkostitwixxi il-'casus classicus' ta' esistenzata' negozju li ma jigix redatt per iskritt.  Veru li l-konswetudini kummercjali tirrikjedi certu laxkezza pero' fiz-zmienijiet odjerni fejn kollox jisfa vittma ta' l-elettronika.  Wasal iz-zmien li anke certi negozjanti jew socjetajiet kummercjali jibdlu l-kultura taghhom tal-prassi tan-negozju.**

**Illi ma jistax ikun f'din l-era kompjuterizzata, li ma jkunx hemm qbil primarju ta' esistenza ta' kuntratt bejn l-odjerni kontendenti.  Mhux hekk biss izda ghadha vigenti l-attitudni li direttur u/jew azzjonista jipprova jistahba jew wara l-velu korporattiv u/jew jagixxi b'front wiehed ta' kumpanija u sussegwentement jirispondi b'socjeta' ohra, avolja ikun similarment direttur u azzjonista fit-tnejn.  Mhux hekk biss, izda jonqos li jikkjama fil-kawza lill-kumpanija l-ohra tieghu biex tiddefendi lis-socjeta' l-ohra.**

**Dak li hu preokkupanti huwa li ghalkemm jinnega xi forma ta' ftehim ta' kiri ta' makkinarju huwa jircievi l-kontijiet b'talba ghall-hlas b'mod regolari pero' ma jiehu l-ebda passi, inqas b'telefonata, biex jirradrizza il-pretensjonijiet attrici.  Halla,anzi ha l-attitudni li kollox jibqa' ghaddej kif ikun b'nuqqas grossolan ta' attivita' da parti tieghu.**

**Illi s-socjeta' attrici gustament halliet f'idejn is-socjeta' konvenuta, anzi precizament mad-direttur taz-zewg kumpaniji Kenward Cole biex jiddeciedi dwar liema makkinarju kien ser jiehu. Ma riedx jghaggel fl-ghazla tieghu – hekk ghandu jkun pero' iz-zmien ma kellux ikun a skapitu tas-socjeta' attrici, ossia jkun qed jinqeda u ma jhallasx xejn in aeterum stante li ghadha ma saritx l-ghazla.**

**Jigi rilevat li ma giet prodotta l-ebda prova sia dokumentarja sia orali dwar it-talbiet ripetuti ghall-hlas tal-kera da parti tas-socjeta' konvenuta biex tikkumbattihom. Anzi ma saret l-ebda cahda la ante u lanqas fil-mori tal-kawza. Jigi ribadit li f'kaz ta' bejgh ta' apparat ta' certu entita', ikun lecitu koncessjoni ta' prova dwar l-inutilita tieghu. Pero' dan jidher li gie sorvelat billi in vista ta' tul ta' zmien ta' prova, il-fornitur ma kienx ser jokkoncediha gratitwament izda kontra pagament.**

**Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' it-talbiet attrici jikkundannha thallas is-somma ta' seba' mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin (LM724.00) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------